MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 1073/2007

**Fl-Atti tal-Ittra Ufficjali 3776/07 fl-ismijiet:**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**vs**

**M’Xlokk Sailing Club Co. Ltd**

**Il-Qorti**,

Rat ir-rikors tas-socjeta’ M’Xlokk Sailing Club Co. Ltd datat 16 ta’ Ottubru 2007 sabiex ghar-ragunijiet hemm indikati t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni riportata fl-Ittra Ufficjali datata 8 ta’ Ottubru 2007 tigi michuda.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni datata 23 ta’ Novembru 2007.

Rat li l-istess rikors gie appuntat ghas-smigh ghat 23 ta' Ottubru 2007.

Rat il-verbali tas-seduti nkluzi dak tat- 2 ta'Ottubru 2008 fejn il-partijiet qablu li l-kontestazzjoni baqghat biss dwar is-snin 1997/1998, u dak tal 24 ta' Frar 2009 fejn Dr. Edward Gatt ghar-rikorrenti ddikjara li jaqbel li l-istimi dovuti ghas-snin 1997/1998 jammontaw ghas-somma ta' €4,509.67 (Lm1.936.00) filwaqt li Dr. Josette Demicoli ghall-intimat Kummissarju tat-Taxxi Nterni qablet li jinghata provediment finali fuq l-ammont indikat fil-verbal tal-istess seduta odjerna, b'dan li l-ittra ufficjali ndikata ghandha tkun u titqies bhala xhieda ghall-ammont hekk indikat. Id-difensuri qablu wkoll li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi, li anke kif  verballizzat fis-seduta odjerna, u kif allura maqbul bejn il- partijiet, fir-rigward tat-talba tas-socjeta' rikorrenti fir-rikors taghha tas-16 ta' Ottubru 2007, tiddikjara li t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni riportata fl-ittra ufficjali datata 8 ta' Ottubru 2007 ghandha titqies bhala valida relattivament ghall-ammont ta' €4,509.67( Lm 1,936.00)

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------